MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1497/1992/1

**Emanuel Sammut.**

**-vs-**

**Emanuel Bonello fil-kwalita' tieghu ta' Kontrollur tal-Bank of Industry and Agriculture Limited in rappresentanza tal-istess socjeta' u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 1995 gew kjamati in kawza Cecil u Remy ahwa Pace.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Novembru, 1992 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi huh John u martu Maria Concetta sive Connie Sammut kellhom xi flus depositati f'kontijiet bearer mal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (B.I.C.A.L), izda fuq assikurazzjoni ta' Cecil Pace gew moghtija cedola flok ktieb ghall-ammont ta' Lm1000 (elf lira maltin), liema cedola giet iffirmata mill-istess Cecil Pace;

Illi l-imsemmija Connie Sammut mietet fis-27 ta' Frar, 1980, b'testment 'unica charta' fl-atti tan-Nutar Paul Pellegrini Petit tal-25 ta' Gunju, 1960, fejn il-konjugi Sammut hatru lilhom infushom bhala eredi ta' xulxin, waqt li zewgha John miet fis-6 ta' Dicembru, 1983, b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Sciriha tas-17 ta' Marzu, 1981, fejn hatar lill-attur bhala unicu eredi tieghu;

Illi jidher li l-awturi tal-attur kienu gew inganati minn Cecil Pace li kien inducihom jaccettaw cedola flok ktieb tal-Bank;

Illi kienet dejjem l-intenzjoni tal-awturi tal-attur li jiddepozitaw flushom mal-B.I.C.A.L. u li jinnegozjaw maghha u mhux ma socjeta' ohra u l-anqas li jisilfu flushom lill-ahwa Pace personalment;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. previa jekk hemm bzonn dikjarazzjoni li l-awturi tal-attur dejjem kellhom l-intenzjoni li jiddepozitaw u fil-fatt hasbu li kienu qed jiddepositaw flushom mal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u gew ndotti b'qerq li jaccettaw cedola fl-ammont ta' Lm1000 (elf lira maltin);

2. tiddikjara u tiddeciedi li l-attur, bhala aventi kawza minn John u Maria Concetta sive Connie Sammut, ghandu jitqies bhala kreditur tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited fl-ammont ta' Lm1000 (elf lira maltin);

3. tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma ta' elf lira maltin fl-imkien mal-imghaxijiet skaduti bir-rata ta' tminja fil-mija (8%) mid-data tad-depozitu sad-data ta' l-eventwali pagament.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficcjali tat-18 ta' Novembru, 1991, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni tieghu, u b'riserva ghat-talb ta' hlas ta' cedoli ohra simili.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fit-2 ta' Dicembru, 1992 li permezz taghha l-konvenut nomine eccepixxa;

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes stante illi l-ammont reklamat mhux passiv mal-bank u li gara huwa li d-direttur tal-bank ghamel in-negozju mal-atturi biss u mhux f'isem il-Bank of Industry Commerce and Agriculture Limited. Infatti inharget il-cedola imsemmija fic-citazzjoni u ghalhekk il-kreditu huwa passiv biss ma' Cecil Pace u/jew Henry Pace li innegozjaw mal-attur biss fil-kwalita taghhom personali. In vista ta' dan ghandu jigi ikkjamat in kawza Cecil Pace ta' Villa Shangila Sir Temi Zammit Ta' Xbiex.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-15 ta' Marzu, 1995 fejn giet ordnata s-sejha fil-kawza Cecil u Henry ahwa Pace.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-imsemmija msejjha fil-kawza ahwa Pace.

Rat in-nota' ta' astensjoni ta' l-Onor. Imhallef Tonio Mallia.

Rat l-atti processwali.

Rat il-verbal tas-seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi saru diversi kawzi matul l-ahhar ghexieren ta’ snin bhal dik odjerna, in konnesjoni mal-proceduri ta’ falliment tal-Bank of Industry, Commerce and Agricultre Limited, maghruf ahjar bhala BICAL.

Kif xehed l-istess Cecil Pace fl-ahhar seduta tal-31 ta’ Ottubru, 2005, billi huwa kien cert li s-sospensjoni tal-licenzja tal-Bank imsemmi kienet ser tkun wahda temporanja, ried iserrah ras lill-awtur ta’ l-attur u ghalhekk, billi ma setax johrog cekkijiet fuq il-bank, ghaliex allura dik is-sospensjoni kienet trendi dan null, iffirma kambjala personalment fuqu. Naturalment pero’, gara dak li gara u ghalhekk l-awtur ta’ l-attur baqa’ ma thallas qatt. Fl-1992 istitwixxa din il-kawza.

L-eccezzjoni tal-konvenut nomine hija fis-sens li kellhom jitharrku biss l-ahwa Pace billi n-negozjju guridiku dahlu ghalih personalment huma u mhux f’isem il-bank. Dwar dan il-punt f’sitwazzjonijiet simili, il-Qrati taghna gia’ kellhom okkazjoni jippronunzjaw ruhhom u din il-Qorti thoss illi ghandha taqbel ma’ dawn il-pronunzjamenti u r-raguni li wasslu ghalihom.

Ma hemmx dubbju ghall-Qorti li meta l-mejjet John Sammut mar ghand is-Sur Cecil Pace fil-perjodu in kwistjoni, kien qed ikellmu bhala gia’ direttur tal-bank, u ghalhekk kull ma sar kien biex jipprolunga *tanto che basta* n-negozju guridiku li kien ghamel Sammut mal-bank. Dan anke l-istess Pace ikkonfermah u hu ffirmalu l-kambjala biex jipprova jserrahlu rasu.

Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, f'cirkostanzi simili ma jistax jigi argumentat illi l-kambjala kienet tfisser li saret xi forma ta' novazzjoni bl-iskambju tad-debitur ghaliex zgur li haga bhal din ma kinitx taghmel sens kummercjali, u kif stess irrimarka l-konvenut fin-nota tieghu, Sammut *ma kienx xi imbecilli.*

Fi ftit kliem l-intendiment tal-partijiet kien certament li jkun negozju guridiku bejn l-awtur tal-attur u l-bank u xejn izjed. (Ara s-sentenza fl-ismijiet Dr Victor Captur et vs Dr Carmelo Mifsud Bonnici nomine et deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-25 ta' Ottubru, 1984). Kwantu ghall-prova tad-dejn imbaghad, din tirrizulta provata u lanqas kontestata.

Ghalhekk fic-cirkostanzi tal-kaz, l-attur kien gustifikat jagixxi kontra l-Kontrollur tal-Bank u l-kjamata fil-kawza tal-ahwa Pace, ghalkemm utili ghat-tkomplija tal-kawza ma kienx necessarju ghall-esekuzzjoni tas-sentenza. Minhabba f'hekk il-Qorti m'hijiex ser tidhol fl-eccezzjonijiet imressqa mill-kjamati in kawza, izda minhabba li kien l-agir taghhom bl-iffirmar tal-kambjala li stigaw is-sejha fil-kawza taghhom stess ser tikkundannahom ihallsu l-ispejjes taghhom stess.

**Il-Qorti ghalhekk fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut nomine ihallas lill-attur is-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000), bl-imghaxjiet kif mitluba. L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut nomine, barra l-ispejjes ta' l-imsejjha fil-kawza li ghandhom jithallsu minnhom stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------